MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 290/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. David Saliba)**
**Vs**
**Omissis**
**Omissis**
**Michael Coppini**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala diretturi tal-kumpanija Leisure Tourist Services Limited li tamministra l-lukanda Cavalieri Hotel, San Giljan, u lil Michael Coppini bhala Operations Manager ta' l-istess lukanda talli nhar l-1 ta' Frar, 2010 u/jew fix-xhur ta' qabel naqsu li jżommu fi stat tajjeb kull boiler tal-mishun u l-fittings kollha tieghu u jaghmlu ezami bir-reqqa ghall-anqas darba kull tnax-il xahar ta' dan il-boiler, kif ukoll izommu registru tal-boiler, liema registru ghandu

jkun ghad-disposizzjoni tal-Awtorita’ wara li ssir talba w dan ai termini ta’ l-Art. 24(1)(2) ta’ l-A.L. 34/1976.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Gunju, 2010, li biha wara li rat ir-Regolament 24(1)(2) tal-A.L. 34/1976, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu multa ta’ sitt mitt Euro (€600).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta’ Gunju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha safejn il-Qorti lliberat lil omissis, thassarha safejn il-Qorti sabet lill-appellant hati u minflok tilliberah minn kull piena w imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-appellant jissottometti illi anke minghajr ma wiehed jikkunsidra l-provi migjuba (jew nuqqas taghom), huwa qatt ma kellu jinsab tal-akkuza kif dedotta.

Illi r-Regolament partikulari illi tahtu tressaq l-akkuzat (l-Avviz Legali 34/1976) kif emendat, Regolamenti dwar il-Boilers tal-Istim u Mishun) jimponi obbligi fuq “kull sid ta’ boiler tal-mishun”. Mill-akkuza stess jirrizulta pero’ illi Coppini ma tressaqx bhala sid tal-boiler izda bhala operations manager tal-lukanda Cavalieri. Għalhekk ma hemm l-ebda bażi ghall-akkuża fil-konfront tiegħu.

Illi Coppini qed jigi akkuzat ukoll illi naqas illi jżomm reġistru li “għandu jkun għad-disposizzjoni tal-Awtorita’”. L-artikolu pero’ ma jgħidx illi r-registru ghandu jkun ghad-disposizzjoni tal-awtorita’ imma li “għandu jintbagħat”. Anke minn dan il-lat mela l-appellant qed jigi akkuzat b’reat illi ma jirrizultax mil-ligi.

Illi mhuwiex ikkontestat illi dawn huma proceduri kriminali fejn il-htija trid tigi ippruvata “beyond reasonable doubt”. Huwa car ukoll illi l-prova migjuba trid tkun l-ahjar prova.

Illi minghajr pregudizzju ghall-argumenti migjuba aktar kmieni fis-sens illi Coppini ma jistax jinzamm responsabbli ghax mhuwiex sid tal-boiler, u dato ma non concesso illi manager jista’ jkollu xi responsabbilita’ penali taht l-avviz legali kkwotat, xorta jibqa’ l-fatt illi l-prosekuzzjoni kellha ggib l-ahjar prova :

Illi Michael Coppini huwa tassew manager tal-Cavalieri Hotel
Illi bhala manager kien il-kompitu tieghu (u mhux, nghidu ahna tas-services officer jew technical staff) illi jassigura l-manutenzjoni tal-boilers
Illi l-boilers tassew ma saritilhomx manutenzjoni u
Li dan sehh b’att jew omissjoni personali ta’ Coppini.
Illi meta wiehed jara l-provi li tressqu wiehed ma jistax ma jikkonkludix illi l-prosekuzzjoni striehet biss fuq prezunzjonijiet u mhux fuq fatti ppruvati.

Illi l-prosekuzzjoni stess kienet taf tajjeb illi kellha ggib l-ahjar prova tant li hadet hsieb tharrek lil rapprezentanta tal-ETC biex tikkonferma l-impjieg ta’ Michael Coppini. Id-dokumenti pprezentati pero’ bl-ebda mod ma jikkonfermaw it-tezi tal-prosekuzzjoni ghaliex juru li Coppini kien impjegat ta’ certa kumpanija jisimha “Aquasun Holidays” illi qatt ma kellha jew ghandha xi konnessjoni mal-Cavalieri Hotel.

Illi anke li kieku Michael Coppini kien tassew operations manager fil-Cavalieri Hotel ma jsegwix necessarjament illi huwa l-persuna responsabbli mill-manutenzjoni tal-boilers. Hadd mix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma kkonferma dan.

Illi l-anqas ingabet dell ta’ prova illi lboilers ma kinitx issirilhom manutenzjoni. Tant hu hekk illi fl-ebda mument ma stqarr ix-xhud Kevin Gauci illi l-boilers kienu fi stat hazin. Huwa anzi ammetta illi dakinhar tal-ispezzjoni Coppini mill-ewwel kien indikalu lil Blye Engineers bħala l-kumpanija jew ditta mqabbda mil-lukanda biex tieħu ħsieb

il-boilers tal-lukanda. In-nuqqas ta' żamma tar-reġistru, jekk u semmai ippruvat, ma jfissirx illi l-boiler ma kienx mantnut tajjeb.

Għar-raġunijiet spjegati jigi sottomess illi Michael Coppini kellu jigi rilevat għaliex l-akkużat mhux sorretta mill-provi.

Illi fl-aħħarnett, l-appellant jissottometti illi jekk għall-argument u mingħajr ebda preġudizzju ghas-suespost, din il-Qorti xorta thoss illi l-akkuzat ghandu jgorr xi htija talli r-rapprezentant ma nghatax kopja tar-registru tal-boilers, huwa ghandu jinghata l-piena minima possibbli skond il-ligi, specjalment tenut kont tal-fatt illi :
Il-lanjanza tal-OHSA jidher illi hi li ma ntwerietx ir-registru u mhux illi l-boiler ma kienx mantnut tajjeb;

Ma gie bl-ebda mod muri jew allegat illi gie ikkawzat xi dannu jew pregudizzju lil xi impjegat li jahdem fil-Cavalieri Hotel;

Din kienet l-ewwel darba li kienet qed issir spezzjoni tal-boiler mill-OHSA;

Fiċ-ċirkostanzi, ai termini tad-diskrezzjoni moghtija bl-artikolu 38(3) tal-Kap. 424, l-Awtorita' setgħet faċilment tagħti twissija u avviż għall-ħlas ta' penali li ma jaqbżux €465.87, izda minflok ippreferiet ittella' l-akkuzat il-Qorti fi proċeduri kriminali.

Ikkonsidrat
**Ix-Xhieda**
Il-Qorti semgħet lil dawn ix-xhieda:

(a) Jednnifer Debono, rappreżentanta tal-ETC, li kkonfermat li l-appellant Michael Coppini kien impjegat bħala Assistant Manager mal-Acquasun Services Limited fejn beda fl-24 ta' Marzu 1997 u rriżenja fit-13 ta' Mejju 2010.

(b) Kevin Gauci, uffiċjal għas-saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol. Kienet saret spezzjoni fl-1 ta' Frar 2010 fil-

Hotel Cavalieri ġewwa San Ġiljan. L-appellant ippreżenta ruħu bħala l-persuna responsabbli bħala l-operations manager li eleu f'idejh id-day to day management. Ix-xhud kien qal lill-appellant biex jieħu ħsieb is-certification tal-boilers kif jitlob l-avviż legali 34 tas-sena 1976. Is-certification kienet għadha ma waslitx sal-jum tax-xhieda. L-appellant kien qallu li l-boilers waqt refurbishment tal-hotel u x'aktarx li ssemmiet id-data 2005. L-aħħar certification li kienu rċevew kien f'Otturbu 1999. (fol 40). Huw kien qalli l-Cavalieri Hotel kieent 'taħt' il-Leisure Tourist Services Limited. Wara l-ispezzjoni ma kinux ikkuntattjaw lill-appellant. Ix-xhud kien ta struzzjonijiet lill-appellant biex isir is-certification fi żmien stabbilit iżda dan qatt ma sar.
Id-difiża staqsiet lix-xhud jekk kienx jaf li Tourist Services Limited kienet għaddiet iċ-ċertifikat rikjest. Ix-xhud ma seta' jgħid xejn fuq din il-kumpanija għax hu mexa ma' Leisure Tourist Services Limited. Fuq il-Cavalieri Hotel ma kellu ebda refernza jew ċertifikati wara l-1999. L-appellant lanqas ma kien ipporduċa r-reġistru dwar il-hot water boiler. Fir-rigward ta' steam water boiler, dan ir-reġistru għandu jintbagħat lill-Awtorit'.
(ċ) Fleur Camilleri għan-nom tal-MFSA Registry of Companies. Hija kkonfermat min kienu d-diretgtur tal-Leisure Tourist Services fl-1 ta' Frarf 2010. L-operations manager ma jkunux indikati.
(d) Lewis Tabone li huwa direttur fil-Leisure Tourist Services qal li l-kumpanija hija dormant. M'għandha ebda assoċjazzjoni mal-Cavalieri Hotel. Lill-appellant kien jafu bħala Manager tal-Cavalieri Hotel.

**It-Trattazzjoni**

Id-difiża ssottomettiet li 'fl-agħar ipotesi' l-pova li nġabet kieent li l-appellant kien manager fur il-post. Sid ta' boiler ma kienx. Mill-provi ma jirriżultax li huwa l-bniedem responsabbli. L-appellant huwa impjegat ma' Acquasun li lanqas hija l-kumpanija li topera l-hotel in kwistjoni fejn instabu l-boilers. Il-link li kien hemm bżonn ikun stabbilit lanqas ma sar. Tourist Services Limited ma kinitx operatriċi tal-kumpanija.
Il-Prosekuzzjoni rreferiet għax-xhieda ta' Kevin Gauci fejn l-appellant ippreżenta ruħu bħala operations manager. Għal-liġi l-impjegat huwa biżżejjed. Ir-records qatt ma

nżammu b'mod korrett. Il-Qorti tal-Appell Kirminali preseduta mill-Imħallef Michael Mallia spjegat x'inhu r-rwol tal-operations manager fis-sentenza 'Il-Pulizija versus Marco Pizzuto Caruana' tal-11 ta' Jannar 2010.

**Il-Liġi.**

L-artikolu 24(1)(2) tal-Avviż Legali 34/1976 jipprovdi li kull sid ta' boiler tal-ilma sħun għandu jżomm reġistru bid-dati tat-testijiet, l-eżamijiet interni u esterni, tindif u tiswijiet li jkunu saru lill-boiler, liema reġsitgru għandu jingħata lid-Direttru malli dan jitolbu.

Mill-provi jirriżulta li l-appellant ippreżenta ruħu bħala operations manager (li mhux l-istess bħalma huwa project manager fis-sentenza 'Il-Pulizija versus Marco Putzulu Caruana li għaliha saret referenza mill-Prosekuzzjoni). Aktar milli sid, l-appellant jidher bħala 'impjegat' imqar jekk huwa iddeskriva ruħu bħala 'operations manager.'

Mela la mhux is-sid tal-boiler, l-appellant ma setax jinstab ħati li ma mexiex mar-regolament 24(2) tal-Avviż Legali 34/1976. Barra minn dan, fiċ-ċitazzjoni huwa idnikat hekk 'Michael Coppini bħala Operations Manager tal-istess Lukanda.' Issa l-Cavalieri Hotel la tidher li hijs soċjeta' u lanqas xi forma ta' xi għaqda li mhix inkorporata. Jew għallanqas mhix indikata bħala tali. Isegwi għalhekk, li għalkemm l-appellant huwa operations amnager, xorta waħda ma jsitx japplika għalih l-artikolu 13 tal-Kap 249 (L-Att dwar l-Interpretazzjoni).

Għaldaqstant, il-Qorti qed tilqa' l-appell u qed tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fis-16 ta' Ġunju 2010 u qed tillibera lil-imputat minn kull ħtija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------